MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 90/2004

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Maria Concetta Bonnici sia bil-polza u sia bil-ligi, u l-istess Maria Concetta Bonnici**

**Vs**

**Carmelo Pace**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf erba' mija u sittin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm1,460.35c) rapprezentanti danni subiti fil-vettura JPB 155 li dakinhar tal-kollizjoni, cjoe' fit-13 ta' Gunju, 2002 kienet qed tigi misjuqa mill-Avukat Dr Joseph P Bonnici u din intlaqtet minn coach tat-turisti KCY 939 misjuqa mill-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha eccepixxa li l-incident mertu tal-kawza gara unikament htija ta’ l-Avukat Joseph P Bonnici xufier tal-vettura JPB 155 u mhux tal-konvenut u inoltre, minghajr pregudizzju, ma kienx hemm danni x’jigu likwidati u fi kwalunkwe kaz l-atturi ghandhom igibu prova tad-danni mitluba.

Sema’ x-xhieda ta’ PS 1338 Noel Apap u ta’ l-Avukat Joseph P Bonnici.

Ra d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ra illi ghas-seduta tal-11 ta’ Frar, 2005 il-kawza kienet differita ghall-provi tal-partijiet u f’dik is-seduta l-attur iddikjara li m’ghandux aktar provi filwaqt li l-konvenut la deher u lanqas ma ressaq provi u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi Dr Joseph P Bonnici kien qed isuq il-vettura JPB 155 niezel in-nizla tal-Kurcifiss l-Furjana, mentri l-coach KCY 939 kienet tiela’ mill-port sejra ‘l fuq.

Fin-naha tax-xellug tal-vettura JPB 155 kien hemm karozza pparkjata u ghalhekk Dr Bonnici hareg ftit ‘il barra izda ma qabizx il-*continuous double-white line* li hemm f’nofs il-karreggjata tat-triq.  Huwa jafferma li baqa’ fuq in-naha tieghu.

Fl-istess hin, fid-direzzjoni opposta kienet tiela’ l-coach u billi kien hemm it-turisti tielghin mal-genb tat-telgha, dan il-coach gibed ftit ‘il barra u b’hekk invada bi ftit il-karreggjata ta’ l-istess Dr Bonnici u b’hekk laqat il-genb tal-karozza ta’ Dr Bonnici.  B’rizultat tad-daqqa li hadet fuq in-naha tad-driver, cjoe’ fuq in-naha tal-lemin, gibed lejn ix-xellug u laqat ukoll il-karozza pparkjata biex b’hekk il-vettura ta’ l-attur sofriet hsarat fiz-zewgt ignub.

Minn ezami tar-*road accident report* li gie esebit minn PS 1338 Noel Apap u kkonfermata minnu bil-gurament

jirrizulta illi wara li huwa nvestiga l-kaz,  ix-xhieda moghtija mill-Avukat Bonnici giet korroborata mis-sewwieq tal-vettura CAC 234 li kien miexi wara l-coach misjuq mill-konvenut.  Dan  irraporta illi ra l-coach tigbed ‘il barra fl-*outer lane* u li din kienet il-konsegwenza li tat lok ghall-kollizjoni.

Illi provi kontrarji ghal dawn il-verzjonijiet ma gewx prodotti u ghalhekk fic-cirkostanzi t-Tribunal m’ghandux alternattiva hlief li jikkonkludi li mill-provi prodotti jirrizulta pruvat illi l-incident bejn il-vettura ta’ Bonnici u l-coach misjuq mill-konvenut sehhet ghaliex proprju dak il-hin il-coach misjuq mill-konvenut invadiet il-karreggjata legittima ta’ l-Avukat Bonnici.  Il-kawza prossima ta’ l-incident kienet ghaliex il-coach marret *wrong side* u oltrepassat id-*double-white line* u konsegwentement il-konvenut ghandu jigi ritenut, kif fil-fatt qieghed jigi ritenut, unikament responsabbli ghall-kollizjoni.

Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, mid-dokument a fol 30 et seq tal-process jirrizulta li r-riparazzjonijiet fil-vettura ta’ l-attur swew elf tlett mija u tmienja u hamsin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm1,358.31c) li huwa ftit anqas mill-ammont mitlub fil-kawza u ghalhekk huwa dan l-ammont ridott li ghandu jigi likwidat favur l-atturi.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jiddikjara li l-kollizjoni in kwistjoni sehhet unikament tort tal-konvenut u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta’ elf tlett mija u tmienja u hamsin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm1,358.31c) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------